KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

# IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

# Laqgħa Numru 60

**It-Tlieta 29 ta' Awwissu 2023**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fis-Sala tal-Kunsill fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Kyle Mifsud – Sindku
Marika Sammut Dimech – Viċi Sindku
Dott. Daniel John Attard – Kunsillier
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

## 60.1 Qari tal-Apoloġiji

60.1.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm ittri ta’ apoloġija.

## 60.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 59

60.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

60.2.2 Il-minuti tas-seduta numru 59 ġew approvati b’mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 60.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

60.3.1 Is-Sindku informa li kien iltaqa’ mal-Perit Vassallo minn IM dwar ix-xogħlijiet pendenti madwar il-lokalità b’mod speċjali dawk li jirrigwardjaw problemi fil-barracks. Kien hemm qbil li jekk ix-xogħol jibqa’ ma jinbediex, għandu jsir rapport direttament lis-CEO ta’ IM.

60.3.2 Is-Sindku informa li kien f’diskussjonijiet ma’ Clean Malta biex ikun hemm servizz ta’ knis min-naħa tagħhom lejn l-aħħar ta’ din is-sena. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jibgħat kommunikazzjoni lil Clean Malta biex ninfurmawhom li l-kunsill aċċetta din il-kundizzjoni.

## 60.4 *Updates* dwar il-proġett tal-*Visitors Centre*

60.4.1 Is-SE infurmat li dakinhar kienet qed issir il-bankina mad-dawra ta’ barra tal-VC. Hija infurmat li suppost li l-ġimgħa d-dieħla jibda x-xogħol ta’ twaħħil tal-istruttura tal-aluminium (curtain wall) biex imbagħad jeħel il-ħġieġ.

60.4.2 Is-SE infurmat li dwar l-inawgurazzjoni kien hemm rakkomandazzjoni min-naħa tas-sottokumitat biex issir esibizzjoni tal-fotografija bit-tema tal-Imtarfa. Diġà kienet ħadet ħsieb li tiddiskuti mas-SE tar-Reġjun biex jagħti ftit gwida minħabba li huwa fotografu u diġà tella’ numru ta’ esebizzjonijiet personali f’postijiet differenti.

60.4.3 Hija infurmat li min-naħa tiegħu kien issuġġerixxa li minflok din l-esibizzjoni, ikun hemm esibizzjoni oħra ta’ tpinġijiet għal sett ta’ bolol tar-reġjun. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jimxi mas-suġġeriment tas-sottokumitat biex issir esibizzjoni tar-ritratti. Dawn għandhom jintalbu b’mod diġitali u l-Kunsill jieħu ħsieb li jistampahom hu. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li dakinhar ukoll jew preferibbilment aktar ‘il quddiem, issir l-esibizzjoni tal-bolol tar-reġjun fil-VC.

60.4.4 Is-SE infurmat li minħabba li x-xogħlijiet għadhom għaddejja, qed tissuġġerixxi li l-kuntratti jiġu estiżi sal-aħħar ta’ Settembru filwaqt li dak tal-Finishes se jiġi estiż sal-Erbgħa 11 ta’ Ottubru. Hija infurmat li kienet se titkellem mal-avukat f’każ li jkun hemm bżonn ta’ xi penali jekk ikun hemm ċans li tinqabeż id-*deadline* tal-kuntratti.

60.4.6 Is-SE infurmat li kienet irċeviet ittra min-naħa tal-MTA fejn qed jikkonfermaw il-ħlas għall-filmat. Fil-fatt kienet ukoll inżammet laqgħa mal-kuntrattur li kellu l-irħas offerta u kienu qablu fuq numru ta' affarijiet, skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-kwotazzjoni. Sadanittant kien hemm qbil li l-vidjo inniffsu għandu jkun bl-Ingliż u sotto-titli bil-Malti filwaqt li l-promo għandu jkun bil-Malti u bis-sotto-titli bl-Ingliż. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Dr Attard kien hemm qbil li possibbilment għandu jkun hemm ukoll għażla li l-filmat jintwera b'sotto-titli bl-ispanjol, bit-taljan jew bil-franċiż.

## 60.5 Ħruġ ta' offerti

60.5.1 Is-SE infurmat li tliet kuntratti tax-xogħlijiet kienu skadew. Dawn kienu għax-xogħol fuq soft areas, knis u servizz ta' skart goff. Għaldaqstant fil-ġranet li ġejjin kienu se jiġu ppubblikati l-offerti tas-*soft areas* u tal-iskart goff.

60.5.2 Għaldaqstant sadanittant kienet bagħtet għal xi kwotazzjonijiet biex isir xogħol temporanju b'*direct order* minn kuntratturi oħra sakemm jiġu *awarded* il-kuntratti l-ġodda.

60.5.3 Soft areas: Kienu bagħtu kwotazzjoni żewġ kuntratturi. Kien hemm qbil li mmexxu bl-irħas waħda ta' Mark Taliana.

60.5.4 Skart Goff: Irċeviet biss waħda. Talbet ċans sal-aħħar tal-ġimgħa. Sadanittant is-SE talbet lill-kuntrattur preżenti biex itina xahar ċans minħabba l-permessi tal-ERA. Kien hemm qbil li s-SE għandha tinforma lill-kunsilliera bil-kwotazzjonjiet li tkun irċeviet biex jintagħżel kuntrattur ieħor biex tmexxi b'*direct order*.

60.5.5 Knis: Irċevejna 3 kwotazzjonijiet. Kien hemm qbil li l-Kunsill jibqa' jaħdem bl-istess kuntrattur sakemm jieħdu r-responsabbiltà tal-kuntratt il-Clean Malta.

## 60.6 *Un/loading Bay* fi Triq l-Imtarfa

60.6.1 Is-SE għamlet riferenza għad-deċiżjoni tal-Kunsill li jagħmel talba għall-approvazzjoni ta' *un/loading bay* b'parkeġġ biss għal kwarta fi Triq l-Imtarfa. Din kienet ġiet approvata u se ssir fil-ġranet li ġejjin. Saret l-ordni għat-tabella.

60.6.2 Sadanittant dwar it-*timed parking*, infurmat li TM kitbulha li dan mhux awtorizzat. Huma kienu infurmawha li l-iskema tal-parkeġġ bil-ħin għar-residenti hi sospiża fil-mument u mhux qed jiġu approvati applikazzjonijiet ġodda.

60.6.3 Fir-rigward tar-*ring fencing* mal-fondi tal-Imtarfa min-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jintużaw għal proġett min-naħa tal-Kunsill, hija infurmat li dawn talbuha tagħżel proġett għal dawn il-fondi. Hija infurmat li l-ammont fid-DPF tela' għal kważi €39, 000. Kien hemm qbil li jintagħżel il-proġett ta' Pjazza San Oswald biex jissussidja parti mill-ispiża żejda li hemm aktar mill-fond li ntrebaħ mil-LESA.

60.6.4 Hawnhekk il-Kunsillier Dr Attard skuża ru]u. Il-ħin kien is-6:45pm.

## 60.7 *Charging Points* madwar il-lokalità

60.7.1 Is-SE infurmat li kienet bagħtet kommunikazzjoni lura dwar iċ-*charging points* li ġew issuġġeriti li jsiru. Hija kienet ikkonfermat *charging points* fil-parkeġġ ta' Triq Sir Temi Zammit, Triq Gregorio Carafa u Triq l-Imtarfa hekk kif maqbul mill-Kunsill. Kien sar ukoll suġġeriment għal *charging point* fi Triq Alessi. Dawn kienu rrispondew lura li preferibbilment il-Kunsill kellu japprova kollox u mbagħad jagħżel għaliex għalissa għadhom iridu jivverifikaw jekk hux possibbli li jsiru fejn indikajna. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 60.8 Proġett tal-UE

60.8.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet stedina mingħand il-Litwanja biex ikun hemm parteċipazzjoni fuq proġett tal-UE. Sadanittant kienu nstabu wkoll żewġ partners oħra, wieħed mill-Portugall u ieħor mill-Montenegro.

60.8.2 Is-SE kienet se żżomm il-Kunsill infurmat dwar din l-applikazzjoni.

## 60.9 Impjieg ġdid

60.9.1 Is-SE infurmat li ma kinitx qed tirċievi applikazzjonijiet għall-interess dwar l-impjieg ta' EO u għaldaqstant talbet li minflok tagħmel talba għal skrivan mad-DLG.

60.9.2 Il-kunsill ma sabx oġġezzjoni.

60.9.3 Is-SE se tieħu ħsieb il-proċess tat-tibdil għal ingaġġ ġdid.

## 60.10 Punti Oħra

60.10.1 Is-SE infurmat li dwar il-garaxxijiet ta Binja Qlejgħa kien hemm żvilupp għaliex kienu għaddew xi numri tat-telefon biex il-Kunsill jieħu ħsieb jikkuntattjahom. Hawnhekk il-Kunsilliera rrealizzaw li l-ismijiet tar-residenti li kien hemm miktub fuq il-lista ma kellhomx garaxx f'dik il-binja iżda fuq parti oħra tagħha. Is-SE se tieħu ħsieb tinfurmahom biex jgħaddulha dettalji tajbin.

60.10.2 Is-SE infurmat li kienet se tinżamm sessjoni dwar id-dimensja nhar is-6 ta' Settembru. Se jattendi s-Sindku.

60.10.3 Is-SE infurmat li residenta talbet għal xiri ta' tank tal-ilma biex issaqqi minnu f'Binja Msierаħ. Kien hemm diskussjoni dwar din il-proposta u finalment kien hemm qbil li l-Kunsill m'għandux jagħmel tajjeb għal dan it-tank u minflok jassigura li l-kuntrattur tal-Kunsill isaqqi hu dawk il-planters li hemm fil-parti tal-passaġġ.

60.10.4 Il-Kunsill irċieva wkoll talba mingħand l-istess residenta ta' Binja Msieraħ biex issir struttura tal-ħadid għall-iskart f'xi parti ta' Triq Dar il-Kaptan. Kien hemm diskussjoni u qbil li jekk ikun hemm kunsens bil-miktub mir-residenti ta' Binja Msieraħ kollha, il-Kunsill kien se jikkunsidra

li titwaħħal struttura fuq in-naħa ta' ġewwa tal-parapett tagħhom, għaliex fuq barra ma kienx hemm biżżejjed wisa'.

60.10.5 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li mill-pagamenti tal-Club House kien reġa' ntbagħat lill-bank u l-President tal-Klabb kien wiegħed li għadda l-flus fil-kont.

60.10.6 Is-SE staqsiet lis-Sindku jispjega l-ittra li l-Kunsill irċieva mingħand il-HA dwar il-kuntratti tal-iscouts u tar-radio. Is-Sindku informa li l-Kunsill kien qiegħed jiġi mitlub ikun ta' intermedjarju bejniethom.

60.10.7 Għall-mistoqsija dwar ix-xogħol fil-bosk minn Project Green is-SE infurmat li kienu għamlu spezzjoni xi xahar qabel imma sarx aktar xogħol hekk kif tlesta l-*wood chipping*. Hija kienet talbet ukoll kopja tal-pjanta u update dwar il-proġett imma kienu għadhom ma bagħtux risposta.

60.10.8 Is-Sindku informa li kien ġie infurmat li l-offerti tal-Pjazza kienu se jiġu ppubblikati fil-ġranet li ġejjin.

## 60.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

60.11.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 08/2023), kopja tagħha mehmuża.

60.1.2 Il-Kunsillier Mifsud proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Viċi Sindku ssekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 60.12 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

60.12.1 Il-laqgħa spiċċat fit-7:40pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 18 ta' Settembru 2023 fil-5:30pm.

Konfermati, illum it-Tnejn 18 ta' Settembru 2023.

Kyle Mifsud
Sindku

Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv